

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal, li jkun iċċelebrat kull sena min-Nazzjonijiet Uniti fl-20 ta' Novembru, f'Villa Francia, f'Ħal Lija, ilbieraħ saru 20 attività differenti għat-tfal fuq inizjattiva tal-Kummissarju tat-Tfal. Matul il-ġurnata, il-pubbliku, u l-aktar it-tfal, kienu mistiedna jattendu u jieħdu pjaċir jilagħbu f'ambjent li nħoloq apposta f'din ir-residenza li normalment tilqa' mistednin distinti tal-Gvern. Il-Prim Ministru, Lawrence Gonzi, ukoll żar Villa Francia u tkellem mat-tfal preżenti, li segwew b'entużjażmu l-attivitàjiet li kienu għaddejjin. (Ritratt: Alex Degabriele)

# Tal-lum mhux l-aħħar baġit u lanqas ta' qabel tal-aħħar

Illejla tithabbar id-direzzjoni ta' fejn irridu niehdu lil pajjiżna u liema oqsma qed nipproponu li nahdmu fuqhom biex pajjiżna jkompli miexi 'l quddiem. Dan isir wara li tkun inghatat harsa lura lejn kif marret l-ekonomija ta' pajjiżna fis-sena li waslet biex tintemm. Illejla jithabbar il-Baġit.

**Baġit f'kuntest**

Kull Baġit, imma wisq aktar dan tal-lejla, irid jittiehed f'kuntest. Pajjiżna mhux qieghed f'bozza li tipproteġina minn dak li qieghed jiġri barra minn xtutna. Il-kriżi internazzjonali hemm qieghda u l-effetti taghha qeghdin jidwu ma' kullimkien. Minkejja dan, imma, il-Baġit li se jiġi ppreżentat illejla se juri li pajjiżna żamm mal-miri li poġġejna s-sena li ghaddiet. Pajjiżna se jkollu defiċit taht it-3%. Kemm hemm pajjiżi fl-UE li jixtiequ li pajjiżhom ghandu defiċit ta' 3%! Din kienet il-mira taghna u l-mira taghna lhaqnieha minkejja li f'dawn is-snin id-dinja ghaddiet mill-aghar reċessjoni li qatt sehhet. Pajjiżi ohra, anki ferm ikbar u aktar ghonja minna, intilfu. Pajjiżna, pajjiż ċkejken f'nofs il-Mediterran, baqa' sod. Mela allura xi haġa tajba qed issir żgur.

**Baġit riżultat ta' tmexxija għaqlija**

Dan kollu mhux kumbinazzjoni.Dawn l-affarijiet isehhu ghaliex ikun hemm tmexxija ghaqlija. Din kienet ghal bosta drabi murija u kkonfermata minn aġenziji tal-*credit ratings* li taw lil pajjiżna punteġġi tajbin hafna. Dan fih innifsu hu tajjeb, imma jsir bil-wisq ahjar meta wiehed iqis f'liema żmien diffiċli pajjiżna qieghed jinghata dan ir-*rating*, kif ukoll meta wiehed jara t-tnaqqis fir-*ratings* li nghataw ċerti pajjiżi Ewropej f'dawn iż-żminijiet.

Minbarra l-*credit ratings*, ghandna ċ-ċertifikati li johorġu miċ-ċifri rekord tat-turiżmu, kif ukoll iċ-ċifri tax-xoghol u l-qghad. Nerġa' ntenni, dan fi żmien ekonomiku diffiċli. Minkejja dan, il-Gvern ma beżax jiehu ċerti deċiżjonijiet li gvernijiet fil-passat beżghu jiehdu. Matul it-triq, li fiha ġibna dawn ir-riżultati pożittivi, dan il-Gvern ha hsieb li ssir, nghidu ahna, il-privatizzazzjoni tat-tarzna u dik tat-trasport pubbliku, li kienu qed jixorbu mill-kaxxa ta' Malta eluf kbar ta' ewro f'sussidji. Ha hsieb li jsiru numru ta' riformi, bhal dawk tal-liġi tal-kera, tal-edukazzjoni, tas-sahha u dik tal-kunsilli lokali.

Qeghdin niehdu hsieb l-ambjent u lkoll nafu kemm il-proġetti ambjentali huma ta' siwi, imma kemm fl-istess hin dawn jiswew flejjes kbar biex jitwettqu. Dan mhuwiex Gvern li jaghti kas fejn hemm il-kriżijiet u l-inkwiet biss. Dan hu Gvern li anki fejn hu tajjeb, ikompli jbiddel u jixpruna biex insiru dejjem ahjar. Dan hu l-Gvern li fetah is-suq ghall-kompetizzjoni biex fih jimrah in-negozjant privat u minnu jgawdu l-impjegati u l-konsumaturi. Dan hu Gvern li fetah il-bibien.



minn **David AGIUS**,
il-Whip tal-Grupp Parlamentari tal-PN

**Baġit differenti ħafna minn kif jifhmuh il-Laburisti**

Kemm hu differenti minn gvernijiet Laburisti tas-snin tas-sebghinijiet u t-tmeninijiet, li l-Laburisti jhobbu jsejhulhom bhala s-snin glorjużi. Dak iż-żmien, il-Baġit kellu tifsira ferm differenti ghax ir-rwol tal-Gvern kien ferm differenti. Illum, il-Gvern medhi jahdem biex johloq il-klima ekonomika u mhux li jkun dak li hu stess jaghti s-servizz. Biss, il-gvernijiet Laburisti dejjem kienu kkaratterizzati minn tmexxija li taghlaq il-bibien ghax trid tikkontrolla, tiddetta u tohnoq. Billi taghmel hekk, tmexxija Laburista dejjem fehmet li kulhadd jimxi kif jixtieq il-Gvern, fejn jixtieq il-Gvern, bil-mezzi li jaghtih il-Gvern. Dawk huma stili ta' tmexxija tal-passat.

Mhux ta' b'xejn li mill-festi tal-Indipendenza 'l hawn qed nużaw is-slogan, *Kburin b'pajjiżna ghax nemmnu f'pajjiżna*. Din il-frażi kkaratterizzat lill-PN minn dejjem. Meta gvern jemmen fil-poplu, jafda u jerhi billi jaghti n-nifs, ir-riżultati jiġu. U r-riżultati ġew, anki fi żminijiet diffiċli, kif se jithabbar illejla waqt il-Baġit.

**Baġit li se jkompli jsaħħaħna**

Hu ghalhekk li l-Baġit tal-lejla se jkompli jsahhah lill-Gvern immexxi mill-PN. Se jkompli jsahhahna bhala Partit biex inkomplu nixprunaw lill-Gvern biex jibqa' jiehu d-deċiżjonijiet tajbin ghall-ġid ta' pajjiżna. Inqieghdu wkoll fil-kuntest tad-diskussjoni parlamentari li kellna f'dawn l-ahhar jiem.

Dan il-Baġit se jkompli jghaqqadna flimkien wara l-Prim Ministru Lawrence Gonzi biex id-deputati kollha tal-Gvern flimkien nimbuttaw lil dan il-pajjiż, misluf lilna mill-elettorat, f'livelli dejjem oghla.

Id-diskussjonijiet interni li kellna bejnietna, kif ukoll id-diskussjonijiet fil-parlament urew li ahna partit haj, maghmul minn nies validi li ghandhom x'jikkontribwixxu. X'differenza min-naha l-ohra! Il-PL hu l-partit li m'ghandux x'jissuġġerixxi. Hu partit negattiv u distruttiv. Ahna tal-PN nemmnu f'ideat kostruttivi biex inkomplu ntejbu l-livell tal-ghajxien tal-poplu Malti kollu.

**Baġit li se jqarribna aktar lejn l-elezzjoni**

U dawk in-nies li jridu jifhmu u jqieghdu l-Baġit u l-klima politika u ekonomika f'perspettiva globali qeghdin jifhmu li dan kien gvern ta' suċċess. Bosta mill-weghdi elettorali twettqu. Xi whud issa fadlilna ftit xhur biex inwettquhom. Wettaqna dak li weghidna fi żminijiet diffiċli. Allura kif tista' ma taghtix mertu lil dan il-gvern? Kif tista' ma titkellimx b'mod pożittiv fuq il-Prim Ministru u t-tmexxija tieghu?

Qeghdin fi żminijiet meta l-affarijiet huma fraġli hafna. L-iċken żball jaf iwassal ghall-kollass, kif rajna li ġara f'pajjiżi ohra. L-iċken żball jaf jitfa' lil pajjiżna f'bahar ta' inkwiet.

Hu ghalhekk li rridu nkomplu nahdmu biex din il-viżjoni u x-xoghol li qed inwettqu jaslu ghand kulhadd u jgawdi minnhom kulhadd.

Hu ghalhekk li pajjiżna ghad ghandu bżonn lill-PN fit-tmun. Hu ghalhekk li dan mhux l-ahhar Baġit li se nressqu, lanqas ta' qabel tal-ahhar.

radio 101 il-mument IN-NAZZJON pin informa maltarightnow.com